

Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2014/C 262/02)



Wiċċ nazżjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Belġju

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha kkonċernati li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-UE li jstipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jridu jkunu muniti taż-EUR 2 biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-EUR 2, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fiħ disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Il-Belġju

L-okkażjoni tal-kommemorazzjoni: Il-150 anniversarju tas-Salib l-Aħmar tal-Belġju

Deskrizzjoni tad-disinn: Il-parti interna tal-munita turi salib, li fiċ-ċentru tiegħu hemm in-numru "150", L-iskriżżjonijiet "Rode Kruis" u "Croix-Rouge" jinsabu rispettivament vertikalmement u orizzontalmement fuq in-naħa interna tas-salib. Madwar is-salib hemm il-marka taż-zekka ta' Brussell, li hija profil bl-elm tal-Arkanġlu Mikiel, il-marka tal-mastru taż-zekka, id-data 2014 u l-iskriżżjoni tan-nazżjonalita "BE".

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-ġhadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: 260 000

Data tal-ħruġ: Settembru 2014

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).